# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 333/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Sarah Magri)

vs

**Fernando Sammut**

iben Lawrence, imwieled Pieta', fis-27 ta' Frar, 1980, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 134180(M)

Illum, 15 ta' Marzu, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Fernardo Sammut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bejn ix-xahar ta` Gunju 2013 u Awissu 2013 x'imkien gewwa dawn il-Gzejjer ta` Malta approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom, specifikat fl-ammont ta` seba` telef, seba` mija sebgha u tmenin ewro

(€7,787),  dan huwa aggravata minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew serizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta` flus li jammontaw ghal seba` telef, seba` mija sebgha u tmenin ewro (€7,787), li ghalhekk jeccedi l-elfejn tlett mija u tletin ewro (€2,330), liema serq sar ukoll ikkwalifikat bil-valur, ghad-detriment tal-kumpanija **Francis Busuttil & Sons**;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi talli kiser il-provedimenti tal-artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenza li saret definittiva;

Talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati / Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-l-artikoli 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu sena (1) prigunerija sospiza ghal tlett (3) snin ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti ordnat ukoll lill-imputat ihallas is-somma favur il-*parte civile* fi zmien sitt (6) xhur mil-lum ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Fernando Sammutipprezentat fit-3 ta' Gunju, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tiddijara nulli l-proceduri u konsegwentement is-sentenza fl-ismijiet premessi deciza mill-Qorti taI-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-17 ta' Lulju, 2014 per Magistrat Dr. C. Peralata u konsegwentement fil-waqt li thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza, tirrimandi l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti ghal prosegwiment tal-kawza skont il-ligi u cioe' sabiex isiru l-kontro-ezamijiet relattivi u sabiex l-appellant jinghata l-opportunita' jixhed u jressaq il-provi tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, dawn il-proceduri huma nulli u konsegwentment hija nulla s-sentenza appellata u dan kif sejjer jigi spjegat.

Illi kif jirrizulta mill-process, fl-4 ta' Arpil, 2014, inqrat l-akkuza, gie pprezentat l-kunsens tal-Avukat Generali u xi dokumenti ohra, xehedet l-Ufficjal Prosekutur u xehedu zewg xhieda ohra, cioe' PS 1314 u Stefan Ferrigi. Il-kontro ezami ta' PS 1314 gie rizervat u x-xhieda ta' Stefan Ferrigi (il-kwerelant) giet sospiza propju sabiex dan jerga jitla jixhed u jezebixxi nota spjegattiva dwar dak li kien qieghed jixhed fuqha.

Illi dakinhar il-kawza giet differita ghal-15 ta' Lulju 2014 ghal dan l-iskop.

Illi sussegwentement l-avukat sottofirmat sar jaf li l-kawza ma kientitx sejra ssir fil-15 ta' Lulju, 2014 izda fis-17 ta' Lulju, 2014. Fis-17 ta' Lulju, 2014 l-avukat sottofirmat, inqabad f'Awla ohra u kif hareg minn din l-awla rcieva telefonata minn ghand l-appellant li nfurmah li l-kawza kienet giet deciza.

Illi b'konsegwenza ta' dan kollu fl-ewwel lok ma gewx finallizati l-provi tal-proskeuzzjoni u fil-fatt ma hemm l-ebda dikjarazzjoni f'dan is-sens. Fit-tieni lok, l-appellant la nghata l-fakulta li jaghmel il-kontro ezamijiet relattivi u lanqas ma gie mistoqsi jekk ma riedx jixhed jew riedx iressaq provi in difeza. Dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ddecidiet li, dan nonostante, tghaddi ghas-sentenza fl-assenza tal-avukat tal-appellant. Kif jirrizulta mill-verbal relattiva l-istadju tal-provi kien ghadu miftuh u ma saret l-ebda trattazzjoni.

Illi jidher li anke l-verbal tat-8 ta' April, 2014 mhuwiex korrett ghaliex ladarba l-ezami tal-kwerelant kien gie sospiz ma jistax ikun li l-kawza thalliet ghan-noti u ghas-sentenza. Sinjal li kien hemm l-intenzjoni li dan ix-xhud jerga jigi prodott.

Illi fil-fatt l-appellant kien u ghadu bi hsiebu jaghmel kontro ezami tax-xhieda u kif ukoll

jixhed huwa stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2016 l-Avukat Generali nforma l-Qorti li hu kien qed jaderixxi mat-talba tad-difiza u ma kellu xejn aktar xi zzid.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta car li l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma semghet il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni. Lanqas ma staqsiet lid-difiza jekk kellhiex xi provi xi tressaq. Jirrizulta car li hemm zball car fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' April, 2014. Fil-fatt, jirrizulta li x-xhieda ta' Stefan Ferriggi giet sospiza. Ma hemm ebda verbal li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha jew li d-difiza rrinunzjat li tressaq il-provi taghha jew li ghalqet il-provi taghha. Jirrizulta verbatim:
"Il-kawza differita ghas-17 ta' Lulju, 2014 ghan-nota tal-partijiet u ghas-sentenza jekk ikun il-kaz."

Illi s-sentenza meritu ta' dan il-kaz giet pronunzjata fis-17 ta' Lulju, 2014.

Illi in vista ta' dan hu car li hadd mill-partijiet ressaq il-provi kollha tieghu. Lanqas ma hemm il-verbal li jindika li nghalaq is-smiegh tal-kawza.

Illi f'dan il-kaz hu car li mhiex kwistjoni ta' nuqqas ta' 'doppio esame' izda ta' sitwazzjoni fejn hadd mill-partijiet ezawrixxa l-provi tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata.  Tibghat l-atti lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-provi kemm tal-prosekuzzjoni, kif ukoll tad-difiza u tiddecidi l-kawza skont il-ligi.